**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 439/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roxanne Tabone)**
**-Vs-**
**JOSIANNE GRECH**

**Illum, 24 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOSIANNE GRECH** ta' 35 sena, bint John Mary u Rose Mary xebba Bezzina, imwielda Pieta' fis-26 ta' Frar 1985, u residenti ġewwa 29, Triq A. Cuschieri, Birkirkara u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 164385M li tressqet quddiemha akkużata talli nhar it-8 ta' Lulju 2021 għall-ħabta ta' 15:50hrs ġewwa Triq Borg, Birkirkara, kantuniera ma' Trejqa Fleur-de-Lys, Birkikara:-

1. Ikkommettiet serq ta' ġojjellerija minn fuq il-persuna ta' Joseph Debono għad-detriment tal-istess persuna, liema valur ma jeċċedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disgħin ċentezmu (€232.93), u liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza, u dan bi ksur tal-artikolu 261(a) u 274D tal-kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Joseph Debono hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr Martha Grima tal-Mosta Health Centre.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lil imputata bhala li saret recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienet msjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi sari definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-vittma Joseph Debono.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-liġi, jekk jidhrilha xieraq jgħoġobha tordna ħruġ ta' ordni ta' trattament skont l-Art 412D tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' April 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 261(a), 262(1)(a) u 274(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' April 2024 tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi nibtu minn rapport magħmul lill-Pulizija fit-8 ta' Lulju 2021 minn Joseph Debono minħabba li kien għadu kif safa misruq mill-imputata li allegatament, marret fl-għalqa fejn kien ipparkjat bil-vann tal-ħaxix u ħatfitlu l-ġiżirana tad-deheb li kellu ma' għonqu meta rrifjuta li jagħtiha xi flus li kienet talbitu.

Joseph Debono xehed quddiem il-Qorti[1] u spjega illi ftit ġranet qabel meta kien ipparkjat ġo għalqa privata bit-trakk tal-ħaxix, ra karozza tal-għamla Toyota nieżla minn Borg Street u waqfet qabel kisret għal triq Fleur-de-Lys, Birkirkara. Il-persuna li kienet qed issuq il-karozza għajtitlu u meta staqsiha x'għandha bżonn, qaltlu "*tista' tagħtini €8?*". Din il-mara huwa għarafha bħala l-imputata għaliex kien jafha peress li

[1] Xhieda tad-19 ta' Lulju 2021.

ilha tgħix fil-lokalita' minn meta kienet tifla u fil-passat kien jarma bit-trakk fit-triq fejn kienet toqgħod. Xehed ukoll illi l-imputata kienet diġa' talbitu l-flus drabi oħra u kien qalilha biex li ma setax jagħtiha iktar, għalkemm kienet ħallsitu lura.

Dak il-ħin huwa kien qed jaqdi xi klijenti u qalilha li ma kellux flus u baqa' jaqdi lin-nies iżda hi qaltlu biex ma jdaħħakx nies biha u biex jagħtiha €8 u reġa' qalilha li ma kellux flus fuqu. Fil-pront hija niżlet mill-karozza billi qabżet mill-bieba tan-naħa tal-passiġġier u ġiet biex tipprova tiftaħ il-cash register, li jinsab fuq in-naħa ta' wara tat-trakk li jħares lejn it-triq, iżda hu qagħad quddiem il-cash register u qalilha li ma kienx fiha xejn u ma tinfetaħx. Fil-fatt, il-kexxun ma nfetaħx u meta reġa' qalilha li m'għandux flus, l-imputata bdiet tfittixlu fil-but. Imbagħad qaltlu "*jekk mhux ser tagħtini €8 naqtagħlek il-ġiżirana*" u f'daqqa u l-ħin, qabdet il-ġiżirana u ħatfitulu. Hu żammilha idejha t-tnejn biex ma tiġbidhiex u qalilha biex titlaqha minn idejha. Għamel xi ħin iżommilha idejha u jgħidlha biex titlaq il-ġiżirana iżda fl-aħħar, għaliex beda jiddejjaq minħabba li kienet mingħajr maskra, qalilha "*ħudha, ħa nċempel il-Pulizija*" u kif telqilha idejha, ġibdet il-ġiżirana f'salt u fil-proċess għamlitlu żewġ marki mad-dawra t'għonqu, minn wara sa quddiem. Hekk kif l-imputata ġibdet il-ġiżirana minn għonqu, din tqaċċtet u baqgħu imwaħħlin żewġ biċċiet minnha mal-flokk tiegħu[2]. L-imputat telqet tiġri għal ġol-karozza tagħha u ħarbet minn fuq il-post. Il-klienti li kien qed jaqdi dak il-ħin telqu għaliex bdew jiddejqu u hu kien ċempel lill-Pulizija.

Meta ġew fuq il-post il-Pulizija wara li kien ċempel għall-għajnuna, Joseph Debono kien akkumpanja lil wieħed mill-uffiċjali biex jindikalu fejn toqgħod l-imputata, fi triq li tinsab kantuniera fuq il-lemin fin-naħa ta' fuq ta' Borg Street, iżda ma kien wieġeb ħadd. In segwitu kien mar il-Polyclinic tal-Mosta biex jagħmel ċertifikat tal-ġrieħi li ġarrab f'għonqu. Joseph Debono xehed li l-ġiżirana kien rigal iżda kienet tiswa €144.

[2] Din il-biċċa mill-ġiżirana ġiet innotata minn PS 1301 Christian Bonello fuq il-lok tad-delitt u ġiet in segwitu mgħoddija minn Joseph Debono lil PC 41 Thomas Debono (xhieda tad-9 ta' Marzu 2022), u esebita minn PS 1301 Christian Bonello (xhieda tad-9 ta' Marzu 2022) bħala Dok. CB7.

L-imputata, Josianne Grech, għażlet li ma tixhidx quddiem il-Qorti fil-proċeduri iżda kienet rilaxxat stqarrija meta kienet qed tiġi interrogata mill-Pulizija fid-9 ta' Lulju 2021 wara li ġiet arrestata in konnessjoni mad-delitt li ġie rapportat minn Joseph Debono. Qalet li jaf li min irrapportaha jarma bil-vann tal-ħaxix ġewwa daħla li tifforma parti minn għalqa li tiġi kantuniera 'l isfel mid-dar fejn toqgħod ġewwa Triq A. Cuschieri, Birkirkara. Sostniet li dan r-raġel is-soltu jagħtiha l-flus iżda dakinhar meta talbitu l-flus kien waqqagħha għaċ-ċajt peress li kienet "*sick*" u beda jgħaddi ż-żmien biha quddiem in-nies għaliex beda jgħidilha li l-kexxun ma kienx jinfetaħ u lil wieħed raġel li kien qed jixtri dak il-ħin qallu "*din dejjem għalhekk tiġi*" u "*afda l-kartiera ħalli ssibha daqs kemm hi Amerikana din*". Hi insistiet miegħu illi dejjem tathomlu lura l-flus li kien iselfilha bl-interessi wkoll u qaltlu wkoll li l-flus ma kienx jagħtihomlha għal xejn għaliex jekk imur ma' mara irid iħallasha. Dak il-ħin beda jirrabja u qalilha li llum żgur ma kienx ser jagħtiha ebda flus u jekk trid il-flus kellha tiġi l-għada. Hi sfidatu u mbagħad, meta tbaxxa biex jagħlaq il-kexxun, il-ġiżirana ħabtet mal-cash register u x'ħin rat hekk qaltlu "*għandi x'neħodlok, ara kif ser neħodhom il-flus*" u ġebbditlu l-ġiżirana. Dak il-ħin hu qalibha mal-art u qaltlu li kienet ser teħodlu l-flus mingħajr interessi għax jekk ikun irid xi mara jrid iħallas għaliha.

L-imputata stqarret illi Joseph Debono ġieli kien jagħtiha flus meta kienet titolbu, iżda ta' €10 kien irid li ikollha x'taqsam miegħu, tikxiflu sidirha jew tagħmel atti sesswali miegħu, u iktar ma kien jaraha "sick" iktar kien jitmellaħ biha, u quddiem in-nies iktar kien jitkessaħ għaliex ma setax jghidilha biex tagħmel dawk l-affarijiet miegħu. Qalet ukoll li marret issaqsi lilu għall-flus biex tixtri d-droga għaliex kienet tafu u kellha kunfidenza miegħu. Sostniet li dejjem ħallsitu lura u kienet irrabjata dakinhar għaliex ma riedx jagħtiha l-flus li talbitu u kienet bżonnhom biex tixtri d-droga. Ċaħdet illi meta ħatfitlu l-ġiżirana kienet weġġgħetu u sostniet li kieku indunat li weġġgħetu ma kienetx tibqa' sejra minn fuq il-post.

Qalet li kienet sabet raġel li ma tafux il-Ħamrun li kien taha €30 għall-ġiżirana iżda ma tafx min hu. Stqarret ukoll li għandha dipendenza fuq id-droga li ddeskriviet bħala

l-ħabiba tagħha għaliex qatt ma daħket biha. Tixtri droga skont kemm ikollha flus f'idejha iżda kienet tipprova tnaqqas meta kienu jżidulha l-ħinijiet biex ikollha aċċess għal bintha u kien ikollha b'hekk skop għalxiex tgħix.

L-imputata skużat ruħha ta' egħmilha u talbet apoloġija lil Joseph Debono iżda sostniet li ħaraqha u ma baqgħetx tara meta beda jgħaddi ż-żmien biha għaliex qabel dejjem ħallsitu lura l-flus li kien jislfiha.

Ikkunsidrat;

Matul is-smigħ tal-kawża, id-difiża sostniet illi ċ-ċitazzjoni tindika ħażin il-post fejn seħħ ir-reat għaliex filwaqt li fiċ-ċitazzjoni l-imputata ġiet mixlija li kkommettiet is-serqa minn ġewwa Triq Borg, kantuniera ma' Trejqa Fleur-de-Lys, Birkikrara, il-provi juru mod ieħor għaliex il-vann tad-derubat kien ipparkjat fil-fetħa li tiġi fi triq oħra u mhux fi Triq Borg.

Il-Qorti rat il-provi u mix-xhieda ta' PS 1301 Christian Bonello kif ukoll ix-xhieda ta' Joseph Debono nnifsu, jirriżulta illi t-trakk tal-ħaxix tad-derubat kien ipparkjat f'għalqa privata li tiġi kantuniera bejn Triq Borg u Trejqet Fleur-de-Lys, Birkirkara. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-imputata ġiet bil-karozza minn Triq Borg u waqfet fil-kisra bejn Triq Borg u Trejqet Fleur-de-Lys fejn kien hemm it-trakk ipparkjat fil-fetħa tal-għalqa. In-naħa ta' wara tal-vann kien qed iħares lejn it-triq[3], liema triq tiġi Triq Borg kantuniera ma' Trejqet Fleur-de-Lys. PS 1301 xehed[4] ukoll illi meta kien mar fuq il-post wara li sar ir-rapport, ra li l-vann: "*kellu l-bieba kważi fuq il-bankina eżatti*" u fisser ukoll illi l-entratura tal-għalqa qiegħda fit-triq li tinżel minnha[5], filwaqt li l-ħajt diviżorju tal-għalqa tinsab fit-triq l-oħra tal-iskola[6]. Barra dan il-fatt illi hu stabbilit mix-xhieda illi biex iżomm lill-imputata milli tieħu flus mill-cash register, id-derubat kien qagħad quddiem il-cash register li kien fin-naħa ta' wara tat-trakk li

---

[3] Ara xhieda ta' Joseph Debono, 21 ta' Lulju 2021.
[4] Xhieda tal-25 ta' Settembru 2024.
[5] Id-derubat Joseph Debono xehed li l-imputat kienet niżlet bil-karozza minn Triq Borg.
[6] Jirriżulta li l-iskola tinsab fi Trejqet Fleur-de-Lys – ara d-dokument esebit mid-difiża fil-25 ta' Settembru 2024.

kienet fid-daħla tal-għalqa, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankina[7], liema daħla tinsab fil-kantuniera bejn Triq Borg u Trejqet Fleur-de-Lys[8], u l-ġiżirana nħatfet minn għonqu u r-reat ġie kommess, sewwasew f'dak l-istess lok.

Għalhekk il-Qorti ma taqbilx li l-lok tal-kommissjoni tar-reat ġie indikat ħażin anke jekk it-trakk seta' ma kienx ipparkjat kollu fit-triq indikat iżda fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankina fl-istess triq.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata tinsab akkużata b'serq aggravat bil-vjolenza u fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi aġġudikata fir-rigward, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 261(a), 262(1)(a) u 274(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Ix-xiehda tad-derubat Joseph Debono, liema xhieda baqgħet ma ġietx kontradetta bl-ebda mod in kwantu tikkonċerna d-dinamika tas-serq tal-ġiżarana, hija fil-fehma tal-Qorti, biżżejjed waħedha għall-prova sħiħa li l-imputata kkommettiet is-serq tal-ġiżirana. Madankollu, din il-prova hija msaħħa ulterjorment mill-imputata nnifisha li fl-istqarrija li rrilaxxat waqt l-interrogazzjoni, ammettiet bla tlaqliq li kienet serqet din il-ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Joseph Debono.

Għall-Qorti, il-fatt li l-imputata wettqet is-serqa għaliex id-derubat irrifjuta li jislifha l-flus li talbitu meta hija dejjem ħallsitu lura l-flus li kien taha fil-passat, u l-fatt li ddieħek biha quddiem persuni oħrajn u ħaraqha, ma jiġġustifikawx il-kommissjoni tar-reat. Lanqas m'hi ta' rilevanza għall-fini tad-determinazzjoni dwar reita', il-konsiderazzjoni li d-derubat seta' talab u ottjena favuri sesswali mingħand l-imputata meta ġie biex silifiha flus f'okkażżjonijiet preċedenti.

[7] Ara xhieda Shawn Saliba, 18 ta' Jannar 2023.
[8] Ara wkoll xhieda ta' PS 3 Kevin Grima, 23 ta' Ottubru 2024.

Il-provi huma inkonfutabbli li l-imputata, dakinhar tas-serqa, irrabjat għaliex id-derubat irrifjuta li jagħtiha l-flus li talbitu isellifha u għaliex kien tkessaħ magħha quddiem il-klienti, u ddeċidiet li ġaladarba ma kienx sejjer jislifha l-flus, kellha teħodlu l-ġiżirana li kellu ma' għonqu. Fil-fatt, l-imputata stqarret li kif tbaxxa u rat il-ġiżirana mdendla ma' għonqu, qabdet u ġebbdithielu, filwaqt li Joseph Debono xehed li wara li pprova jżommilha idejha biex titlaq lill-ġiżirana, kienet spiċċat qaċċtithielu minn fuq għonqu u telqet biha. Tant hu hekk illi xi biċċiet żgħar mill-ġiżirana baqgħet imwaħħla m'għonqu[9]. L-imputat ammettiet li kienet marret dak il-ħin biex tipprova tbiegħ il-ġiżirana u tatu lil xi ħadd li kien ħallsha s-somma ta' €30.

Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-elementi kollha tar-reat ta' serq.

Fir-rigward il-kwalifika tal-vjolenza, l-Avukat Ġenerali indika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 262(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu illi s-serq huwa kwalifikat bil-vjolenza:

"*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*"

Issa huwa ppruvat ukoll illi matul il-kommissjoni tad-delitt, ċioe' kif l-imputata ħatfet il-ġiżirana li kellu ma' għonqu, id-derubat għamel xi ħin jissielet magħha biex ma tiġbidhiex u tibqa' sejra biha, iżda wara ftit minuti iddeċieda li jitlaqha, f'liema waqt l-imputata rnexxlieha taħtaf il-ġiżirana u tqaċċatha minn ma' għonqu. Jirriżulta illi b'riżultat ta' din it-taqtigħa, id-derubat ġarrab xi sliħ mad-dawra ta' għonqu. Il-Qorti rat ir-ritratti li juru marki ta' ħmura forma ta' linja dritta mad-dawra tal-għonq, liema selħa fil-fehma tagħha hija kompatibbli mal-pressjoni tal-ġiżirana mal-għonq waqt li din kienet qed tinġibed mill-imputata.

---

[9] Dok. CB7.

Għaldaqstant, huwa ppruvat kif imiss illi s-serqa twettqet flimkien ma' offiża fuq il-persuna.

Dr. Martha Grima xehdet illi kienet eżaminat lil Joseph Debono fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta fit-8 ta' Lulju 2021 għall-ħabta tas-6.30 p.m. fejn rat li kellu ħmura madwar l-għonq fejn kellu l-ġiżirana[10], u kellu ftit uġigħ fl-istess żona. Hi kklassifikat il-ġrieħi ta' natura ħafifa. Din il-ħmura fl-għonq tal-vittma ġiet innutata wkoll minn PS 1301 Christian Bonello meta mar fuq il-post wara li Joseph Debono ċempel l-Għassa biex jagħmel ir-rapport, u jidhru wkoll fir-ritratti li kien ħa dak il-ħin stess (Dok. CB2 sa Dok. CB5).

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi, billi ma ntweriex li l-offiża tista' titqies bħala sfreġju, għad illi kienet fuq l-għonq, u lanqas jirriżulta li kienet viżibbli minn distanza li jżommu bejniethom żewġ persuni li jitkellmu ma' xulxin, u f'kull każ ma ġiex ippruvat li ġie riskontrat xi wieħed mill-effetti l-oħrajn imsemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, l-offiza li ġiet ikkaġunata matul il-kommissjoni tad-delitt ta' serq għandha titqies bħala offiża ta' natura ħafifa. Iżda peress illi Joseph Debono ma xehedx li baqa' jbati minn xi effetti fiżiċi jew morali tas-selħa, u ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi din l-offiża ma kienetx ħlief waħda ta' importanza żgħira ai termini tas-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li dan id-dubju għandu jmur favur l-imputata u sejra għalhekk tqis l-offiża bħala waħda li tirrientra fil-parametri tal-imsemmi subartikolu (3) ċioe' bħala waħda li kellha effett ta' importanza żgħira.

L-artikolu 274(d) tal-Kap. 9, ukoll indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, jipprovdi illi jekk l-offiża li jsir flimkien mas-serq tkun ħafifa u ta' importanza żgħira u mhux magħmula b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-ħati jeħel piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa tliet snin.

---

[10] Ix-xhud ma setgħetx tiftakar b'ċertezza jekk kien għad hemm il-ġiżirana iżda tenut kont tal-ammissjoni tal-imputata fl-istqarrija li kienet serqet il-ġiżirana u biegħetha lil xi ħaddieħor, il-Qorti tqis li huwa evidenti li l-ġiżirana ma kienetx għadha fl-għonq tal-vittma meta ġie eżaminat mit-tabiba wara s-serqa.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ġiet mixlija wkoll bħala reċidiva.

In sostenn ta' dan l-addebitu, ġie esebit kopja awtentikata ta' żewġ sentenzi bil-ġurament tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti, Stephanie Calafato Testa, fit-18 ta' Jannar 2023, it-tnejn mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta: waħda fl-1 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) v. Josianne Grech** (Dok. SCT1) fejn il-ħatja, Josianne Grech li għandha l-istess konnotati identiċi tal-imputata odjerna, tqiegħdet taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin; u l-oħra mogħtija fl-14 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Josianne Grech** (Dok. SCT2) fejn il-ħatja Josianne Grech li għandha l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputata odjerna (164385M), ġiet ikkundannata ammenda, multa u xahar detenzjoni.

Ġiet esebita wkoll, bil-ġurament tal-Ispettur Karl Roberts, kopja awtentikata ta' sentenza oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) v. Josianne Grech**, mogħtija fis-27 ta' Novembru 2019 fejn ingħata ordni għal liberazzjoni kundizzjonata fil-konfront tal-ħatja Josianne Grech li wkoll għandha l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputata odjerna (Dok KR1).

Skont l-artikolu 49(1) tal-Kodiċi Kriminali, persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

Għandu jingħad minnufih illi sanzjonijiet li jingħataw taħt l-Att dwar il-Probation, inklużi Ordni ta' Probation taħt l-artikolu 7 u ordni għal liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-istess Att, ma jistgħux jitqiesu bħala "*kundanna*" għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali għaliex testwalment, dawn is-sanzjonijiet jingħataw minflok piena għaliex ma jkunx spedjenti li twaħħal piena jew għaliex jikkonkorru ċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 7 tal-Att.

Għaldaqstant, is-sentenzi li ngħataw fl-1 ta' Novembru 2016 (Dok. SCT1) u fis-27 ta' Novembru 2019 (Dok. KR1) ma jiswewx bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva għall-fini tal-artikolu 49, wisq inqas għalhekk għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Madankollu, bis-saħħa tas-sentenza li ngħata fl-14 ta' Settembru 2015, l-imputata ġiet ikkundannata detenzjoni u ammenda fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għal żewġ reati kontravvenzjonali – u b'hekk hija reċidiva taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 9 – u ġiet ikkundannata wkoll multa ta' €800 għad-delitt taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Iżda biex titqies bħala reċidiva wkoll għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9, mhux biżżejjed li jiġi ppruvat li l-ħatja ġiet ikkundannata preċedentement għal delitt iżda jinħtieġ li jiġi stabbilit ukoll li d-delitt li dwarha qed tiġi kkundannata jkun ġie kommess fi żmien ħames snin minn meta tkun ġiet skontata l-piena, jekk iż-żmien tal-piena kien inqas minn ħames snin, u fi żmien għaxar snin jekk iż-żmien ta' dik il-piena kienet ta' iktar minn ħames snin.

Issa fil-każ in diżamina, l-imputata, fis-sentenza ta-14 ta' Settembru 2015 li jirriżulta li hija *res judicata*, kienet ġiet ikkundannata għal multa ta' €800 għad-delitt taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 5, iżda filwaqt li mill-provi (Dok. SCT3, paġna 243) jirriżulta li din il-multa ġiet imħallsa, mhux ċar meta din ġiet effettivament saldata. Għalhekk ma jistax jiġi stabbilit konklussivament jekk, meta ġie kommess id-delitt fit-8 ta' Lulju 2021 li dwaru qed tinstab ħtija llum, għaddewx ħames snin mid-data meta ġiet imħallsa l-imsemmija multa u b'hekk skontata l-piena. Dan id-dubju għandu jmur favur l-imputata u għalhekk mhux sejra titqies bħala reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

In konklużjoni, għandu jingħad ukoll li l-kopji tas-sentenzi li kienu ġew esebiti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur fil-5 ta' Lulju 2022, senjatament is-sentenza li jidher li ngħatat fit-23 ta' Ottubru 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn il-ħatja ġiet ikkundannata sena priġunerija, ma jiswewx bħala prova tar-reċidiva għaliex

m’humiex kopji awtentikati bit-timbru tal-addett tar-Reġistru. Lanqas ma tgħodd il-fedina penali tal-imputata, esebita in atti, li hija waħda ferm oneruża u jirriżulta li ġiet ikkundannata diversi drabi għal delitti, għaliex kif ġie diversi drabi ritenut in materja:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ....".* [11]

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, ewlenin fosthom il-fedina penali ferm oneruża tal-imputata u l-fatt li għandha dipendenza qawwija fuq id-droga. Fil-fatt, id-delitt vjolenti li dwaru l-imputata qed tinstab ħatja llum ġie kommess sewwasew biex tissodisfa l-kilba li kellha għad-droga. L-imputata ma wrietx li għandha r-rieda jew il-kapaċita’ li tindirizza u tegħleb dan il-vizzju u minkejja li l-Qorti ordnat il-ħruġ ta’ Ordni Provviżorju ta’ Superviżjoni fit-28 ta’ Ottubru 2021 biex jiġi assigurat li fil-pendenza tal-proċeduri l-imputata tiġi sorveljata u tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa għar-rijabilitazzjoni tagħha u tibda tgħix ħajja stabbli, hija ma għarfitx tislet il-benefiċċju ta’ din l-għajnuna u superviżjoni.

Kemm hu hekk, ir-rapporti kollha li ġew sottomessi mill-Uffiċjal tal-Probation, Glen Grixti li ġie maħtur biex isegwi lill-imputata taħt l-imsemmija Ordni, juru li l-imputata

[11] **Il-Pulizija vs Jason James Agius** – deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001.

naqset milli tattendi għall-appuntamenti mal-istess Uffiċjal tal-Probation u żżomm kuntatt u tikko-opera miegħu, kif ukoll naqset milli tikko-opera mal-professjonisti mediċi li kienu qed isegwuha fl-Isptar Monte Carmeli u ssegwi l-pjan ta' kura li ġie mfassal għar-rijabilitazzjoni tagħha. Ukoll, skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Maria Caruana, rappreżentant tal-Aġenzija Caritas, l-imputata ġiet sospiża mill-programm residenzjali li bdiet tipparteċipa fih fi ħdan il-Komunita' ta' San Blas għall-ħabta ta' Novembru 2022, u dan wara biss ftit ġranet, minħabba attitudni negattiva u nuqqas ta' ko-operazzjoni, filwaqt li l-aħħar kampjun li kienet ħalliet għal testjar kien f'Marzu 2022, liema kampjun kien irriżulta pożittiv għal kokajina.

Fid-dawl ta' dan kollu, u wara li rat ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation datat 20 ta' Frar 2023 fejn ikkonkluda li l-imputata m'hijiex kandidata idonea għal sanzjoni fil-komunita' (prinċipalment minħabba l-attitudni aggressiva tagħha u nuqqas ta' ko-operazzjoni), il-Qorti kienet ordnat, b'digriet tat-23 ta' Frar 2023, ir-revoka tal-Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni li kienet inħarġet fit-28 ta' Ottubru 2021.

In segwitu għal dan, ma nġiebet ebda prova kwalsiasi li turi li l-imputata bidlet ħajjitha jew mill-inqas li qiegħda tagħmel sforz biex tistabbilizza ħajjitha u taħdem bis-serjeta' fuq ir-rijabilitazzjoni tagħha u lanqas intwera illi hija kkumpensat lil Joseph Debono għas-serq tal-ġiżirana.

Għaldaqstant, fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea hija waħda karċerarja iżda billi l-imputata wriet rimors għal egħmilha u skużat ruħha mal-vittma, il-piena ser tkun waħda li toqrob lejn il-minimum.

Ikkunsidrat ukoll illi l-istess att, ċioe' s-serq tal-ġiżirana, ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi għaliex bil-kommissjoni tar-reat ta' serq l-imputata kkaġunat ukoll offiża ħafifa fuq il-persuna tad-derubat, u għalhekk isib applikazzjoni l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, b'dan li għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 274(d) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 49, 214, 215, 221(3), 261(a), 262(1)(a) u 274(d) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil JOSIANNE GRECH ħatja tal-imputazzjonijiet kollha u tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħatja tħallas lil Joseph Debono s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) rappreżentanti l-kumpens għat-telf soffert minnu b'riżultat tat-twettiq tar-reat ta' serq. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Joseph Debono għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex tingħata t-trattament meħtieġ biex tindirizza u tegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga, u wkoll trattament psikoloġiku biex tindirizza problemi ta' aggressivita'.**
**Billi ma ġewx maħtura esperti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba taħt l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li tintbaghat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrrettivi ghall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**